MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 727/2011

**DFK Malta Consultancy Services Limited**
**(C- 18684)**

**vs**

**Cassar and Schembri Limited**
**(C – 10138)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat id-29 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata fuq indikata ghandha taghti l-ammont ta' tnax –il elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u tmenin centezmu, (€12,323.83), lis-socjeta` rikorrenti ghal servizzi professjonali moghtija lill-istess socjeta` ntimata, flimkien ma' spejjez ulterjuri relatati skont

id-dokumentazzjoni appozita annessa mal-istess rikors promotur;

2. Illi nonostante li nterpellata, s-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;

3. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti qed titlob lil din il-qorti biex:

i. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta` ntimata hi obbligata thallas is-somma minnha dovuta lis-socjeta` rikorrenti kif fuq indikat;

ii. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-imsemmi ammont minnha dovut, liema somma tirrapprezenta l-ammont dovut ghal servizzi professjonali provduti minnha lis-socjeta` ntimata u ghall-ispejjez relatati;

iii. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur fuq indikat u bl-imghaxijiet legali dovuti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal datat it-12 ta’ Jannar, 2012, fejn gie rilevat li s-socjeta` ntimata hi fi stat ta’ kontumacja u dan, stante li jirrizulta li giet debitament notifikata fl-4 ta’ Novembru, 2011, (ara fol 21 *et sequitur*);

Rat is-sentenza parzjali taghha datata l-5 ta’ Lulju, 2012, rigward il-kontumacja tas-socjeta` ntimata li permezz taghha l-kontumacja tal-istess socjeta` ntimata giet ikkonfermata;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tad-dokumentazzjoni prodotta u tax-xhieda mismugha il-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta abbundantement assodata;

Illi jirrizulta li l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti hu dovut lilha mis-socjeta` ntimata ghal servizzi professjonali lilha minnha rezi tul perjodu ta' dsatax –il xahar bejn l-1 ta' Jannar, 2006 u l-31 ta' Lulju, 2007;

Illi x-xoghol professjonali nvolut kien sintetikament jinvolvi l-hdim ta' pagi; rendikonti finanzjarji; formoli ta' taxxi; diversi laqghat; preparazzjoni ta' formoli tat-taxxi fuq il-valur mizjud; applikazzjonijiet varji u mili ta' rendikonti ghall-Ufficcju Nazzjonali tal-Istatistika, fost l-ohrajn;

Illi l-ammont komplessiv dovut mis-socjeta` ntimata kien ingieb a konjizzjoni taghha permezz ta' diversi fatturi, ittri, rezakonti u sahansitra anke permess ta' ittra ufficcjali datata s-26 ta' Mejju, 2011, izda inutilment;

Illi finalment in persekuzzjoni tad-drittijiet taghha, is-socjeta` rikorrenti fuq indikata kienet kostretta tippersegwixxi l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tad-dokumentazzjoni prodotta mis-socjeta` rikorrenti u tax-xhieda mismugha, jirrizulta assodat li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fuq indikata u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata Cassar and Schembri Limited hi obbligata thallas lis-socjeta` rikorrenti DFK Malta Consultancy Services Limited is-somma dovuta ta' tnax –il elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u tmenin centezmu, (€12,323.83);

2. Tikkundanna lill-imsemmija socjeta` ntimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont likwidat fil-

paragrafu precedenti, liema somma tirrapprezenta prezz dovut ghal servizzi professjonali u spejjez relatati;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi kontra l-istess socjeta` ntimata mis-26 ta' Mejju, 2011, sad-data tal-effettiv pagament.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------